# Fulu u Skartoċċ

In-novella "Fulu u Skartoċċ" hija ambjentata f'Malta u l-awtur jgħidilna x'jagħmel il-protagonist tan-novella meta jmur mal-familja tiegħu fil-kampanja. Dakinhar il-bidwi ma kienx hemmhekk jindokra l-għalqa tiegħu.

Wara li niżżel il-tank u kulma kellu bżonn sabiex jixwi "laħam fuq laħam, u ħut fuq ħut u zalzett fuq zalzett" li ġab miegħu, induna li ma kellux ħatab biżżejjed. Għajnejh waqgħu fuq il-ħarruba x-xiħa u issa li x-xiħ ma kienx hemm daħal fl-għalqa u beda " jisserra, jissega, iżarrat, iqaċċat, ikisser, jgħawweġ kull zokk li fettillu hu." L-awtur donnu jrid jurina li l-protagonist ta' din in-novella qed jirrappreżenta lil ħafna Maltin u kif iħarsu u jirraġunaw dwar l-ambjent . "Imma mur ara b'daqshekk! Mur ara!"

Iżda minkejja li sajjar l-aqwa ikel li ġab miegħu, waqgħetlu żaqqu għall-ful li kien hemm fl-għalqa fil-viċin. Il-kittieb irid iġegħelna nirrealizzaw li n-natura Maltija taf toffrilna affarijiet sempliċi imma ta' tjubija kbira.

L-atitudni skorretta tal-protagonist nerggħu niltaqgħu magħha meta jitfa' l-iskrataċ fl-għalqa u jwaħħal fil-kaċċaturi.

Paul P. Borg mhux biss huwa sensittiv għal ċerti atitudnijiet li jara fil-Maltin fil-konfront tal-ambjent, imma permezz tal-tħaddim tal-ironija jħalli lilna l-qarrejja naħsbu u nirriflettu. Dan narawh meta fi tmiem in-novella l-protagonist jintefa' "fuq siġġu tal-plastik, jaqra l-faċċata tal-ambjent fuq il-gazzetta tal-Ħadd."

***Claudio Chircop***

